# Kappelli u Knejjes tal-Lunzjata f'Malta

Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed. Couns. (Bristol)

Meta kont għadni nistudja l-letteratura Maltija l-Università, niftakar li waħda mill-poeżiji għal qalbi kienet "L-Għanja tas-Seba' Niċeċ" ta' l-avukat Ġorġ Zammit (1908-1990). F'din il-poema, iddedikata lill-poeta ħabibu Karmenu Vassallo (1913-1987), Ġorġ Zammit jagħmel pellegrinaġġ madwar il-gżejjer Maltin u jżur seba' kappelli, uħud minnhom iddedikati lill-Madonna. Tul il-pellegrinaġġ huwa jinseġ il-leġġendi marbutin ma' dawn l-imkejjen u, filwaqt li jgħanni l-ġmiel tal-paesaġġ Malti, fl-istess ħin permezz ta' dan il-vjaġġ jagħmel penitenza u jissaffa spiritwalment biex hekk, fi kliemu stess, "ir-ruħ sogħbiena ssib il-faraġ u t-tama."[1]

F'dan l-artiklu jiena wkoll se nagħmel bħall-poeta, u se nitlaq għal għonq it-triq u nżur seba' knejjes jew kappelli ddedikati lill-Annunzjazzjoni ta' Marija, titlu li hu tant għażiż għalina l-Maltin, speċjalment għan-nies ta' Ħal Balzan u ta' Ħal Tarxien. Bħall-poeta se nżomm ukoll in-numru sebgħa. Is-seba' kappelli jew knejjes żgħar li għażilt, marbutin mal-kult tal-Lunzjata, inbnew fi żminijiet differenti, għandhom stili differenti ta' arkitettura, u jinsabu f'lokalitajiet differenti ta' pajjiżna, biex hekk toħroġ aħjar il-firxa wiesgħa tal-qima lejn il-Lunzjata fi gżiritna.[2]

## Id-Devozzjoni tal-Maltin lejn il-Lunzjata

Il-qima tal-Maltin lejn l-Annunzjata għandha għeruq qodma fil-ġrajja ta' ġensna. Qabel is-sena 1575 kien hawn mhux inqas minn 36 knisja ddedikati lil-Lunzjata u dawn kont issibhom fil-parroċċi kollha li kien hawn Malta dak iż-żmien, u f'xi każi anki aktar minn knisja waħda tal-Lunzjata fl-istess parroċċa. Aktar minn nofs dawn il-kappelli llum m'għadhomx jeżistu, oħrajn insibuhom taħt xi titlu ieħor tal-Madonna, filwaqt li tnejn oħra kisbu tant importanza li mal-medda tas-snin saru parroċċi. Dawn huma l-parroċċa ta' Ħal Tarxien u l-parroċċa ta' Ħal Balzan. Barra minn dan, insibu għadd sabiħ ta' artali ddedikati lil-Lunzjata fid-diversi knejjes parrokkjali, u saħansitra meta l-Isqof Fra David Cocco Palmieri waqqaf is-Seminarju fl-1703 huwa ddedikah lill-Annunzjazzjoni ta' Sidtna Marija.[3] Dan jurina kemm din il-ġrajja fil-ħajja tal-Madonna u l-festa liturġika tagħha nhar il-25 ta' Marzu huma miżmumin b'għożża mill-poplu tagħna.

---

[1] Ġorġ Zammit, "L-Għanja tas-Seba' Niċeċ," *Fuq Ġwienaħ il-Għana* (Malta: Lux Press, 1964), pp.167-194.

[2] M'huwiex l-iskop tiegħi f'dan l-artiklu li nikteb fuq iż-żewġ knejjes parrokkjali tal-Lunzjata li għandna f'pajjiżna, dik ta' Ħal Balzan u l-oħra ta' Ħal Tarxien, iżda biss fuq kappelli u knejjes żgħar li għandhom dan it-titular.

[3] Vincent Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," fil-ktieb ta' Vincent Borg (ed.) *Marian Devotions in the Islands of St Paul 1600-1800* (Malta: 1983), pp.52-53.

## Il-Lunzjata l-Qadima f'Ħal Balzan

Il-pellegrinaġġ tagħna se nibdewh Ħal Balzan, u l-ewwel kappella li se nżuru hija l-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes. Skond Achille Ferres, din il-knisja nbniet lejn nofs is-seklu 16.[4] Fis-sena 2005 din il-kappella kienet fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'Ħal Balzan b'tifkira tat-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa nhar l-14 ta' Awissu 1655. Kien hawn li twaqqfet il-parroċċa, u din kienet l-ewwel knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan sakemm bdiet tintuża l-knisja l-ġdida.



L-ewwel deskrizzjoni miktuba li għandna ta' din il-knisja jagħtihielna Monsinjur Pietru Dusina fir-rapport tal-viżta appostolika tiegħu ta' l-1575. Il-Prof. Stanley Fiorini jgħidilna li: "[Dusina] Sab li din il-knisja kienet miżmuma deċentement … kellha l-art pavimentata, bil-bibien ta' l-injam jissakkru u kellha ikona tal-Lunzjata fuq l-altar tan-nofs. Jgħid li kienet *pulchris* – sbejħa. Aktarx li dik il-ħabta kien għad ma kellhiex zuntier – jiġifieri ċimiterju ma' dwarha – għax Dusina jordna li jinbnew ġo fiha xi oqbra għad-dfin; iz-zuntier sar wara u ma baqax jintuża fl-1673 meta ttella' dan is-salib li qed naraw hawn b'tifkira. Lanqas ma ordna Dusina biex jinbena kampnar ċkejken kif għamel f'ħafna knejjes oħra bħal din, fatt li jagħtina x'naħsbu li dak li qed naraw, jew xi wieħed bħalu, kien diġà hemm."[5]



Il-faċċata tal-knisja għandha stil sempliċi ħafna, pjuttost awster, identiku ma' l-istil li fuqu kienu jinbnew il-knejjes dak iż-żmien. Il-blata tal-bieb hija ffurmata minn arkipjan, u fuq il-bieb tieqa rettangolari bi grada tal-ħadid. Il-faċċata tispiċċa b'kampnar żgħir fin-nofs u fuqu salib tal-ġebel. Minn ġewwa wkoll il-knisja għadha fl-istat oriġinali tagħha. Fiha sitt ħnejjiet, ġejjin kemxejn għall-ponta, iġorru fuq daharhom xorok tas-sitta għas-saqaf, u bid-dkieken bejn il-ħnejjiet fejn in-nies setgħet toqgħod bil-qiegħda. Fl-antik l-artal maġġur kien qiegħed mal-ħajt tal-faċċata, iżda wara ħafna żmien l-aħħar ħnejja ngħalqet u l-artal tressaq 'il quddiem biex warajh setgħet issir sagristija. L-artal tal-ġebel huwa ornamentat ħafna, bi prospettiva elaborata ta' l-injam indurata. Il-kwadru titulari, xogħol pittur mhux magħruf, juri lill-Verġni Marija għarkubbtejha quddiem l-Arkanġlu Gabriel, bil-Missier Etern

---

[4] Achille Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta: 1866), p.512.

[5] Stanley Fiorini, "Il-Knisja l-Qadima tal-Lunzjata, l-Ewwel Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan," diskors fl-okkażjoni tal-kxif ta' rħama kommemorattiva nhar l-14 ta' Awissu 2005. Dan id-diskors ġie ppubblikat fil-ktieb ta' Carmel Bezzina (ed.), *Ħal Balzan 350 Sena Parroċċa 1655-2005* (Malta: Parroċċa Marija Annunzjata, Ħal Balzan, 2006), pp.97-100.

imdawwar bis-sħab jiddomina x-xena. Kull sena, nhar il-25 ta' Marzu, issir quddiesa fit-8.00 ta' fil-għodu f'din l-ewwel knisja parrokkjali tar-raħal.

**Il-Knisja tal-Minsija**

Minn Ħal Balzan nerħulha lejn Triq Ganu f'Birkirkara, u nitilgħu t-telgħa tal-Balal sakemm naslu fir-raħal ta' San Ġwann, li sa xi snin ilu kien għadu magħruf bħala l-Imsieraħ. Kif naslu fejn il-kappella ta' San Ġwann ta' l-Għargħar naqbdu t-triq l-antika li tieħu għan-naħa tal-Minsija, fuq ix-xaqliba tal-wied li jibqa' nieżel lejn San Ġiljan. Hawn niltaqgħu ma' kappella antika li sa mill-qedem kienet ċentru ta' devozzjoni Marjana. Dari din il-kappella kienet tagħmel ma' Birkirkara, iżda llum tifforma parti mill-parroċċa ta' San Ġwann.



Il-Minsija jidher li ħadet isimha minn din il-kappella li hija ta' żmien il-medjuevu. Ħafna tradizzjonijiet huma marbutin ma' dan is-santwarju, iżda l-ikbar waħda hi s-sejba fl-1690 tat-trittiku ta' San Leonardu u l-Annunzjata (seklu XIV) u r-ritorn mirakoluż tiegħu wara li tneħħa għal tliet darbiet mis-santwarju. Jingħad li fis-seklu 15 bidwi bl-isem ta' Indri kellu d-dar u r-raba' tiegħu f'dawn l-inħawi. Lejla waħda jilmaħ dawl ħiereġ minn xaqq fil-blat. Sejjaħ lil martu u 'l uliedu, u bdew iħaffru fil-blat, iżda malajr blata kbira ċediet u nqalgħet minn postha. B'għaġeb li ma bħalu jilmħu kwadru tal-Madonna ġo niċċa mal-ħajt, b'musbieħ bi tliet ftajjel jixgħel quddiemu. Dlonk mar iwassal l-aħbar lill-kappillan ta' Birkirkara, li ordna li l-kwadru jittieħed id-dar tiegħu. Iżda b'għaġeb kbir il-kwadru reġa' nstab f'postu fil-għar mingħajr ħadd ma kien ħadu lura. Il-kappillan reġa' ħadu d-dar għat-tieni darba, iżda reġa' ġara l-istess. Huwa għarraf lill-isqof b'dak li kien qed jiġri, u dan ġabar il-kwadru fil-palazz tiegħu. Iżda mill-ġdid ix-xbiha tal-Madonna reġgħet lura fil-għar tagħha. Għalhekk ikkonkludew li l-Verġni Marija kienet għażlet dak il-għar sabiex toqgħod fih. Kien wara dan l-avveniment straordinarju li l-isqof żar il-post, ordna li l-għar jitnaddaf, u li jinbena artal biex tkun tista' ssir il-quddiesa. L-isqof talab ukoll li jinfetaħ bieb għal fuq it-triq biex jagħmilha eħfef għan-nies li jkunu jixtiequ jżuru dan is-santwarju.[6] Dan kollu ġara qabel l-1575, għax Mons. Pietru Dusina jsemmi l-għar fir-rapport tal-viżta pastorali tiegħu. Achille Ferres, fid-*Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, isemmi din it-tradizzjoni b'xi varjazzjonijiet żgħar.

Is-sejba ta' dan it-trittiku wasslet biex din il-kappella minsija u abbandunata terġa' tingħata l-ħajja. Nies minn kull naħa tal-gżira bdew iżuruha, hekk li setgħet terġa' tinbena mill-ġdid. Il-knisja tbierket fis-17 ta' April 1691. Ferres iżid li saċerdot twajjeb minn Ħal

---

6 Ara *The Story of the Sanctuary of the Forgotten Madonna (Tal-Minsija)*, miġbur mir-Rev. Kan. A. Agius, ktejjeb ta' 16-il paġna, bla data ta' pubblikazzjoni, stampat fil-Peresso Printing Press tal-belt Valletta. In-*nihil obstat* tiegħu jġib id-data ta' l-24 ta' Mejju 1931. Ħajr lil Patri Franco Fenech OFM Cap tar-ritratti li pprovdieli u ta' l-informazzjoni li tani meta żort din il-kappella nhar it-12 ta' Diċembru 2005.

Balzan kien bena ż-żewġ kmamar tal-qrib.[7] Il-kappella kif inhi fil-preżent inbniet lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Iżda qabel ma nidħlu fiha ejjew nagħtu daqqa t'għajn lejn l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li tinsab fil-wesgħa ta' quddiemha. Din l-istatwa għandha rabta mar-raħal ta' Ħal Balzan billi jingħad li dari din kienet tinsab f'dan ir-raħal, sewwasew quddiem il-knisja ta' Santa Marija fit-Triq il-Kbira, minflok l-istatwa li naraw illum.[8]

Il-faċċata tal-kappella tistrieħ fuq żewġ pilastri lixxi ta' ordni Toskan bi frontispizju trijangulari sempliċi. Minn fuq dan il-frontispizju jitla' l-kampnar li fuq nett tiegħu naraw statwa ta' anġlu. Kif tidħol mill-bieb trid tinżel ma' l-erbgħin tarġa biex tasal fil-kappella. Mal-ħitan int u nieżel it-taraġ tara tnax-il statwa tal-ġebel li jirrappreżentaw l-appostli, xogħol l-iskultur Balzani Wiġi Muscat. Rabta oħra tal-kappella tal-Minsija mar-raħal ta' Ħal Balzan! Isfel fuq ix-xellug naraw l-għar storiku. Fuq in-naħa tal-lemin ta' l-artal insibu t-trittiku antik li juri lil San Anard fin-nofs, flimkien ma' l-Arkanġlu Gabriel fuq naħa u l-Madonna fuq in-naħa l-oħra. Dan it-trittiku antik ta' stil Biżantin imur lura x'aktarx għas-seklu 14. It-titular preżenti, li jinkorpora x-xena ta' l-Annunzjazzjoni flimkien ma' San Anard, huwa xogħol tas-seklu 17 fl-iskola ta' Francesco Zahra jew Rokku Buhagiar.[9] Fil-ġnub ta' l-artal maġġur jissemmew pitturi ta' San Ġwann il-Battista, Sant'Atanasju u San Bażilju.[10]

**Il-Lunzjata tas-Salini**



Mill-Minsija nerġgħu lura għall-qalba tar-raħal ta' San Ġwann u naqbdu t-triq lejn tal-Balal li twassalna għan-Naxxar. Bla ma nidħlu n-Naxxar, induru fuq il-lemin lejn San Pawl tat-Tarġa, u naqbdu n-niżla magħrufa t'Alla w Ommu sakemm naslu s-Salini. Hawnhekk, qabel nispiċċaw it-triq u nidħlu fit-triq ewlenija li ddur max-xtajta, fuq il-lemin tagħna nilmħu knisja ħelwa li togħla 'l fuq mill-bqija tal-bini. Din il-kappella hija ddedikata lill-Annunzjata.

Din il-kappella "hija waħda mill-knejjes l-aktar antiki tas-seklu 16," jgħidilna Achille Ferres, "miżmuma b'devozzjoni kbira minn missirijietna."[11] Fl-imgħoddi, il-kleru u l-poplu tan-Naxxar kienu jinżlu proċessjonalment f'din il-kappella nhar Lapsi biex itemmu wegħda. Din id-drawwa kienet inqatgħet, anke billi llum il-kappella saret tagħmel mal-parroċċa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija ta' Burmarrad, għalkemm bħala

7 A. Ferres, *op.cit.*, pp.325-326.

8 Għalkemm il-kittieb Kilin jgħid li din l-istatwa "kienet tneħħiet minn quddiem waħda mill-knejjes tal-lvant ta' Malta biex saret waħda ġdida" (ara l-ktejjeb *Djar is-Sultana*, Malta: National Press, 1969, p.25), Ġużeppi Chetcuti (1908-1994), imlaqqam 'il-Patrakk', li għamel ħafna xogħol fil-kappella tal-Minsija, kien aċċertani li din l-istatwa fl-imgħoddi kienet tinsab Ħal Balzan.

9 Ara l-folju *Rediscovering Forgotten Mensija*, ta' Salvator Mousù.

10 V. Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," *op.cit.*, p.55.

11 A. Ferres, *op.cit.*, pp.347.

limiti ċivili għadha tagħmel man-Naxxar, kif kienet sa mill-qedem.[12] Ftit bogħod minnha hemm katakombi antiki ta' l-ewwel insara.[13]



Il-kappella għandha faċċata ħelwa, b'bieb fin-nofs imżejjen bi frontispizju u żewġ twieqi, waħda fuq kull naħa. Fuq il-bieb naraw tieqa tonda bi gwarniċ sempliċi mad-dawra. Fil-kantunieri tal-faċċata pilastru lixx li jispiċċa b'finiment għamla ta' boċċa. Il-faċċata tispiċċa b'kampnar sempliċi b'salib fuqu. Maż-żewġ ħitan tal-ġnub inbena ħajt imżerżaq fuq kull naħa donnu biex jirfed u jsaħħaħ l-istruttura tal-knisja. Minn ġewwa l-kappella għandha għamla rettangolari, b'abside li fiha naraw l-artal ewlieni. Barra mill-artal prinċipali jidher li dari kellha artal ieħor, iddedikat lill-Appostli San Filippu u San Ġakbu. Il-kappella għandha saqaf troll, imqassam fuq erba' ħnejjiet, waħda minnhom usa' mill-oħrajn. Fil-ġnub tas-saqaf hemm tieqa fuq kull naħa. Il-kwadru titulari li naraw illum huwa xogħol il-pittur Emvin Cremona (1919-1987), u jġib id-data 1957. Il-kompożizzjoni flimkien mat-tlaqqigħ tal-kuluri, u speċjalment il-qagħda tal-Madonna għarkubbtejha, ifakkruna fl-Annunzjata li l-istess Cremona pitter għall-knisja tad-Dumnikani fil-Birgu. Fuq il-gwarniċ tal-kwadru naraw skrizzjoni bil-Latin: '*Invenisti Gratiam apud Deum*', li bil-Malti tfisser: 'Inti sibt grazzja quddiem Alla' (Luqa 1, 30).[14]

## Il-Lunzjata tax-Xagħra fir-Rabat

Inħallu s-Salini u nerħulha lejn ir-Rabat. Triq ftit twila u għat-telgħa! Kif naslu s-Saqqajja ninżlu lejn in-Nigret, naqbdu Vjal il-Ħaddiem fuq ix-xellug u nibqgħu telgħin sa ma naslu fit-trejqa li tieħu għal Santa Katarina u Għar Barka. Il-knisja tal-Lunzjata tinsab f'dawn il-limiti, daqs żewġ mili 'l barra mir-Rabat, fuq ir-riħ tal-wied li minn Wied Liemu jieħu għal Wied il-Fiddien.

Din il-knisja, magħrufa wkoll bħala 'il-Lunzjata tax-Xagħra', hija waħda mill-eqdem kappelli Marjani li nsibu f'pajjiżna. L-istoriku Karmelitan Patri Serafin Abela jsejħilha "il-benniena ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta."[15] L-istess Abela jgħidilna li din il-knisja kienet diġà wieqfa fis-sena 1418. "Dan nafuh mit-testment tas-sinjura Margarita d'Aragona għax, kif tgħid hi, 'bnietha mill-ġdid hija stess' u ħallietha flimkien ma' l-artijiet ta' madwarha lil dawk il-patrijiet li kienu lesti li jaċċettawha u jgħidu ta' kuljum l-

[12] Mons. V. Borg jikkwota mill-Arkivji Arċiveskovili ta' Malta u jgħid li fl-1575 din il-kappella kienet magħduda mal-knejjes tal-Mellieħa ("Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," *op.cit.*, p.57).

[13] Kilin, *Kappelli u Knejjes Żgħar*, Malta: 1967, p.15.

[14] Nirringrazzja lil Patri Guido Muscat OFM Conv, mill-komunità Franġiskana ta' Burmarrad, li kellu fi ħsiebu din il-kappella u li għoġbu jiftaħhieli biex stajt inżurha nhar it-30 ta' April 2006.

[15] Serafin Abela, *L-Ewwel Karmelitani f'Malta u l-Ewwel Knisja u Kunvent Tagħhom 'Il-Lunzjata l-Qadima' (1418-1659)* (Malta: Edizzjoni IL-KARMELU, 1976), p.64.

uffiċċju divin fiha."[16] Minn dan it-testment jidher ċar li qabel din il-knisja kien hemm oħra li nbniet x'aktarx fis-seklu 11. Il-knisja u l-bini ta' magħha għaddew f'idejn il-patrijiet Karmelitani li kienu ġew minn Sqallija fl-1370. Fl-1557 ġiet midfuna f'din il-knisja l-qalb tal-Gran Mastru Claude de la Sengle (1553-1557), kif tixhed lapida tar-rħam fis-sagristija.[17]



Patri Serafin jikkwota minn testment li jinsab fl-Arkivju Notarili tal-Belt u li fih deskrizzjoni ta' din il-knisja kif kienet fis-sena 1613: jgħidilna li l-knisja hija mibnija tajjeb ħafna minn barra, u minn ġewwa miksija b'xorok f'forma ta' vleġġa, fuq l-artal maġġur hemm il-kwadru li juri l-immaġni tat-Tħabbira tal-Madonna li kien għadu kif tpitter ftit tas-snin qabel, u li madwar il-knisja hemm seba' kappelli, tlieta fuq naħa u erbgħa fuq oħra, bl-artali u l-kwadri tagħhom ta' diversi qaddisin.

Fis-16 ta' Ġunju tas-sena 1659 il-patrijiet Karmelitani ħallew din il-knisja biex marru l-Imdina, fejn aktar tard bnew il-kunvent u l-knisja li eventwalment iddedikawha lil-Lunzjata. Għalkemm huma qatt ma abbandunaw għal kollox din l-ewwel knisja tagħhom, hekk li għal żmien twil wara baqgħu jmorru jqaddsu fiha fil-Ħdud u l-festi kmandati, u ta' kull sena f'Marzu baqgħu jagħmlu l-festa tal-Lunzjata saħansitra bil-purċissjoni, b'danakollu mal-medda tas-snin il-knisja bdiet tiġrilha l-ħsara u l-kunvent iġġarraf kważi kollu. Il-knisja reġgħet ġiet irrestawrata u mbierka mill-ġdid f'Ġunju 1714. L-aħħar tiswija ġenerali li saret kienet bejn is-snin 1844 u 1852.

Relazzjoni li jikkwota Patri Serafin hija dik li ħalla l-Isqof Alpheran De Bussan fl-1756: "Din il-knisja tal-Lunzjata kienet miżmuma b'ħafna devozzjoni u attenzjoni mill-patrijiet, u f'jum il-festa tal-Lunzjata l-kapitlu u l-knisja katidrali, flimkien mal-kleru kollu sekulari u regulari u l-konkorrenza tal-poplu, kien imur bil-purċissjoni f'din il-knisja u hemmhekk min kien ikun tal-ġimgħa kien iqaddes il-quddiesa solenni kantata, u l-predikatur annwali tar-Randan kien jinseġ il-paneġierku."[18]

Ir-restawr li sar tul is-snin, għalkemm saħħaħ il-knisja, biddilha kważi għal kollox. "Il-knisja l-qadima kienet tasal sat-triq, u ma kellhiex zuntier. Kif jidher minn dan iz-zuntier, il-ħajt tal-knisja kien kollu daħliet grazzjużi, li kienu jaslu sa l-artal f'imitazzjoni ta' stil Gotiku, kif x'aktarx kienet il-knisja kollha. Id-daħliet ta' ġewwa l-knisja tal-lum ġew mgħottija bil-ħitan li nbnew għas-saħħa tas-saqaf. F'dawn id-daħliet aktarx li kien hemm dari artali żgħar, għax fil-kunvent dak iż-żmien kien hemm ħafna patrijiet. Il-ħajt li kien hemm wara l-artal … inbena għat-tisħiħ tas-saqaf. L-artal dari kien warajh, taħt l-ewwel arkata li hemm fis-sagristija (il-kor ta' dari)."[19]

16 *Ibid.*, p.10.
17 *Ibid.*, pp.54-55.
18 *Ibid.*, pp.11-13.
19 Kilin, *Djar is-Sultana*, *op.cit.*, p.100.

Illum il-knisja għandha artal wieħed tal-ħaġar, u fuqu kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol wieħed mill-allievi ta' Mattia Preti. Taħt dan il-kwadru nsibu l-kwadru tal-Lunzjata, li minnu ħadet isimha l-knisja. It-titular oriġinali jinsab x'aktarx fil-kunvent tal-Karmnu tal-belt Valletta, skond ma jgħidilna Patri Serafin.[20] Il-knisja tal-Lunzjata flimkien mal-kunvent illum huma ċentru ta' rtiri u studju għall-patrijiet u għall-għaqdiet kattoliċi, kif ukoll post ta' devozzjoni Marjana u appostolat. Dan sar b'deċiżjoni tal-kapitlu provinċjali tal-patrijiet Karmelitani li kien sar fis-sena 1969. Wara xogħol estensiv fuq il-post, il-knisja u l-kunvent ġew inawgurati uffiċjalment u mbierka mill-provinċjal tal-Karmelitani Patri Ġustin Sant nhar il-festa tal-Lunzjata tas-sena 1975.[21]

**Il-Lunzjata fuq Ta' l-Għolja, fis-Siġġiewi**

Inkomplu l-vjaġġ tagħna, u mir-Rabat nerħulha lejn il-Buskett. Minn hawn għall-Girgenti, u nibqgħu mexjin sa ma naslu fuq Ta' l-Għolja fis-Siġġiewi. Veduta mill-isbaħ minn fejn tara aktar minn nofs Malta tinfirex quddiemek. Fuq din l-għolja, minbarra s-Salib imsejjaħ "ta' Laferla" li kien twaqqaf fil-bidu tas-seklu li għadda,[22] nilmħu l-kappella ddedikata lill-Annunzjazzjoni tal-Madonna, li llum sfortunatament tinsab mitluqa kważi għal kollox, għalkemm jidher li hemm il-ħsieb li għad tiġi rrestawrata.[23]



Tagħrif interessanti dwar din il-kappella, mislut mid-diversi viżti pastorali li sarulha tul is-snin, jagħtihulna Mons. Prof. Vinċenz Borg.[24] Jgħidilna li l-oriġini tal-kappella tal-Lunzjata fuq Ta' l-Għolja tmur lura għas-sena 1450, meta kienet magħrufa bħala Ta' Għemmuna. Inbniet mid-dekan tal-kapitlu tal-Katidral, Dun Guliermu Tonna, u mbagħad reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1494. Kienet miżmuma b'għożża mis-sajjieda li malajr kienu jilmħuha hekk kif joqorbu lejn il-gżira minn dawk in-naħat. F'xi żmien qabel is-sena 1634, il-kavallier Fra Giacomo Cristoforo ab Andlau żejjen din il-kappella bi kwadru titulari ġdid. Il-kappella reġgħet inbniet mill-ġdid tul il-ħakma tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680-1690) fi żmien l-

20 S. Abela, *op.cit.*, p.16.

21 *Ibid.*, p.65.
Għal aktar tagħrif dwar din il-knisja u d-devozzjoni Marjana fl-Ordni Karmelitan, ara Valentin Borg Gusman, "Marian Devotion in the Maltese Carmelite Province during the 17th and 18th Centuries," fil-ktieb ta' V. Borg (ed.) *Marian Devotions in the Islands of St Paul 1600-1800*, *op.cit.*, pp.284-300.

22 Dan is-salib kbir tal-ħadid, li twaqqaf fuq Tal-Għolja fis-sena 1900 sabiex ifakkar is-sena mqaddsa, sar bit-tħabrik ta' Dun Pawl Laferla, li ħareġ minn butu 850 skud, minbarra l-flus li kienu nġabru. Is-salib tbierek fis-27 ta' Settembru 1903. Fl-1946 dan is-salib monumentali waqa', iżda nħadem mill-ġdid minn ditta Taljana f'Lucca u reġa' tqiegħed f'postu nhar l-20 ta' Awissu 1963. Ara Alfie Guillaumier, *Bliet u Rħula Maltin*, Volum II (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2005), pp.806-807.

23 Il-perit Robert Musumeci, illum is-sindku tas-Siġġiewi, ippropona pjan għar-restawr u l-konservazzjoni ta' din il-kappella storika (ara *The Annunzjata Chapel at Ta' l-Għolja – A Conservation Strategy*, teżi mhix ippubblikata għall-grad M.Sc. Conservation Technology fl-Università ta' Malta, 2004). Nirringrazzjah talli għoġbu jgħaddili kopja elettronika ta' dan ix-xogħol studjat tiegħu.

24 Ara V. Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," *op.cit.*, pp.58-59.

Isqof Fra Girolamo Molina (1678-1681), jiġifieri bejn is-snin 1680-1681. Achille Ferres jgħidilna li l-knisja nqerdet bit-terremot ta' l-1693.[25]

Il-knisja reġgħet bdiet tinbena fl-1 ta' Awissu 1694 bil-ħidma tal-prokuratur Dun Franġisk Attard. Inbniet bil-ġbir tal-poplu, u l-aktar mill-qaddiefa tax-xwieni. Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Fra Paolo Alpheran de Bussan nhar it-3 ta' Ġunju 1749. Il-knisja nqerdet għal kollox fit-terremot tat-12 ta' Ottubru 1856, u parti minnha reġgħet inbniet is-sena ta' wara, 1857. Il-knisja li naraw illum għandha artal wieħed. Għandha faċċata sempliċi u lixxa għall-aħħar, li tagħlaq b'opramorta bil-balavostri u kampnar żgħir fin-nofs mirfud minn żewġ mensoli. Skond Ferres, fil-knisja hemm kwadru sabiħ ħafna tal-Lunzjata, kopja ta' xogħol ta' Guido Reni, mogħti lill-kappella mill-Fra Adobaldino Testaferrata Abela nhar it-8 ta' Frar 1682. Dan il-kwadru llum jinsab fil-parroċċa tas-Siġġiewi. Nafu wkoll li nhar il-festa tal-Lunzjata kienet issir purċissjoni lejn din il-kappella mmexxija mill-kappillan tas-Siġġiewi u kienet titqaddes quddiesa kantata bil-paneġierku. Dan kien isir b'wegħda, x'aktarx b'radd ta' ħajr lil Alla għall-ħelsien mill-Mori fl-1429.[26] Sa minn nofs is-snin 60 tas-seklu li għadda l-ħidmiet pastorali li kienu jsiru f'din il-kappella ma baqgħux isiru iżjed.[27]

**Il-Lunzjata ta' Ħal Millieri**

Ninżlu mis-Salib ta' l-Għolja u, wara li naqsmu s-Siġġiewi, nissuktaw il-mixja tagħna fil-beraħ sieket ta' l-inħawi sakemm naslu fir-raħal ta' l-Imqabba. Minn hawn naqbdu t-triq lejn iż-Żurrieq. Fil-ħâra bejn dawn iż-żewġ irħula fix-xlokk ta' Malta, mitlufa fil-kampanja ta' Ħal Millieri, niltaqgħu ma' żewġ kappelli antiki li llum ġew irrestawrati tajjeb ħafna mis-soċjetà 'Din l-Art Ħelwa'. L-eqdem minn dawn il-kappelli hija ddedikata lil-Lunzjata. Din il-kappella, x'aktarx l-isbaħ eżempju ta' knisja medjevali li għandna Malta, hija l-aktar kappella li saret riċerka dwarha u li ġiet studjata b'mod xjentifiku mis-seba' kappelli tal-Lunzjata li qed inżuru f'dan il-pellegrinaġġ tagħna.[28] Achille Ferres jgħidilna li din kienet il-knisja ewlenija ta' Ħal Millieri, raħal li llum ma baqa' xejn minnu għajr ismu.[29]



Il-kappella tinsab f'nofs ta' ġnien imdawwar b'ħajt għoli li kważi jostorha għal kollox, b'xi siġriet taċ-ċipress u l-palm madwarha. Dan il-ġnien, li tidħol għalih minn bieb b'rixtellu tal-ħadid, ħafna jaħsbu li kien ċimiterju. Il-kappella nbniet madwar is-sena 1450, fl-istess post ta' kappella oħra x'aktarx tas-seklu 13.[30] Hija ta' stil Sikulo-

[25] A. Ferres, *op.cit.*, p.409.
[26] *Ibid.*, *loc.cit.*
[27] R. Musumeci, *The Annunzjata Chapel at Ta' l-Għolja – A Conservation Strategy*, *op.cit.*, p.1.
[28] Ara Anthony Luttrell (ed.), *Ħal Millieri: A Maltese Casale, its Churches and Paintings* (Malta: Midsea Books Ltd, 1976). Ara wkoll Mario Buhagiar, "Medieval Churches in Malta," fil-ktieb ta' Anthony Luttrell (ed.), *Medieval Malta – Studies on Malta before the Knights* (London: The British School at Rome, 1975), pp.163-180.
[29] A. Ferres, *op.cit.*, p.396.
[30] Ara l-folju *Annunciation Chapel at Ħal Millieri*, ippubblikat minn 'Din l-Art Ħelwa'. Ħajr lil Tony Mangion tar-ritratti li għoġbu jgħaddili ta' din il-kappella.

Normann, baxxa, u b'kampnar ċkejken. Għandha bieb kwadru, li qabel jidher li kien ark bil-ponta, imsejjaħ oġiva, bi gwarniċ Normann fuqu li kien jispiċċa bl-iskrollijiet. Kif tidħol mill-bieb tinżel tliet tarġiet, billi l-qiegħa tal-kappella hija iżjed baxxa mill-art tal-ġnien. Is-saqaf jistrieħ fuq erba' ħnejjiet ġejjin kemxejn għall-ponta li jitilgħu mill-art, li bejniethom hemm il-bankijiet tal-ħaġar. Fuq wara ta' l-artal il-kappella tispiċċa b'abside. Tneħħi din l-abside, il-ħitan huma miksijin b'affreski li huma l-akbar preġju ta' din il-kappella.

Meta Mons. Dusina żar iż-Żurrieq nhar id-19 ta' Frar 1575, sab f'Ħal Millieri ħmistax-il dar u erba' knejjes, fosthom din tal-Lunzjata. Il-kappella kienet f'kundizzjoni tajba, iċċangata, bil-bieb u bi tliet artali, iżda kien jonqosha l-meħtieġ għax la kellha rettur, la renti, u lanqas paramenti sagri. Nafu wkoll li sa mis-sena 1575 kienet issir purċissjoni mill-parroċċa taż-Żurrieq lejn din il-kappella, u hemm kienet titqaddes quddiesa li kienet issir bil-ġbir tal-ftit abitanti ta' Ħal Millieri. Insibu wkoll li dawk li mietu fil-pesta tal-1592-93 kienu jindifnu fiċ-ċimiterju tagħha.[31] Mal-mogħdija tas-snin il-kappella ġiet ittraskurata, hekk li saħansitra l-Isqof Labini pprofanaha fis-sena 1787. Iżda ċertu Ġużeppi Magro miż-Żurrieq, minħabba d-devozzjoni li kellu lejn din il-kappella, għamel mezz li jirrestawraha u jgħammarha b'dak kollu li kien meħtieġ, hekk li b'digriet ta' l-Isqof Ferdinando Mattei tas-6 ta' Novembru 1809 ingħata li tiġi mbierka mill-kappillan Dun Gaetano Buttigieg.[32]

Mal-medda tas-snin il-kappella tal-Lunzjata reġgħet sfat mitluqa u abbandunata, sakemm fl-1968 ġiet afdata f'idejn 'Din l-Art Ħelwa' li, permezz tat-taqsima taż-żgħażagħ tagħha, ħadet ħsieb it-tindif u r-rijabilitazzjoni tagħha flimkien mar-restawr professjonali ta' l-affreski. Dawn l-affreski huma uniċi f'pajjiżna u jiffurmaw parti mill-wirt nazzjonali tagħna. Huma eżempji mill-aqwa ta' l-arti Maltija tas-seklu 15, u jixhdu rabta ma' affreski Biżantini fix-xlokk ta' Sqallija. Għalkemm maż-żmien saritilhom ħafna ħsara – saħansitra kienu tbajdu bil-ġir! – illum ġew irrestawrati bl-aktar mod professjonali mill-Prof. Paola Zanolini fis-sena 1974. L-affreski juru għażla ta' appostli, martri u qaddisin li x'aktarx ġew ikkupjati mill-kappella l-antika tas-seklu 13. Għalkemm il-pittur ta' dawn l-affreski mhux magħruf, jista' jkun li kien xi Sqalli bl-isem ta' 'Garinu', billi dan l-isem jidher fl-affreski li juru lil Sant'Agata u lil San Blas. Il-qaddisin impittra fl-affreski huma dawk li l-Maltin kienu devoti tagħhom fiż-żminijiet tan-nofs, bħal San Ġorġ, San Nikola, San Anard, Sant'Andrija, San Ġakbu, San Ġwann u San Lawrenz, Santu Wistin, San Vinċenz, San Pawl l-Eremita (jew Sant'Anton Abbati), u Sant'Agata u San Blas li diġà semmejna. F'uħud mix-xbihat jidher isem il-qaddis miktub b'ittri gotiċi.[33]

Illum, fl-eqreb Ħadd lejn il-25 ta' Marzu, f'din il-kappella reġgħet bdiet tiġi ċċelebrata mill-ġdid il-festa tal-Lunzjata.[34]

---

31 V. Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," *op.cit.*, p.61.

32 A. Ferres, *op.cit.*, p.396.

33 Ara l-folju stensiljat *The Ħal Millieri Medieval Chapel*, ta' 'Din l-Art Ħelwa'.

34 Nista' ngħid li kelli x-xorti nkun preżenti għall-festa tal-Lunzjata f'din il-kappella nhar it-23 ta' Marzu 2003.

**Il-Knisja tal-Lunzjata fil-Gudja**

Inħallu s-skiet u s-serenità ta' Ħal Millieri u noħorġu fit-triq ewlenija li miż-Żurrieq tieħu għall-ajruport. Hekk kif ngħaddu mill-mina ta' taħt il-mitjar, niġbdu lejn il-Gudja, u malli niskorru l-mogħdija li twassal għall-kappella ta' Birmiftuħ naqbdu t-triq li twassalna fil-qalba ta' dan ir-raħal. Hawn dlonk tixref quddiemna l-knisja ħelwa tal-Lunzjata, magħrufa bħala "ta' Brolli". Achille Ferres, fid-deskrizzjoni tiegħu tal-knejjes ta' Malta u Għawdex, jgħidilna li din hija t-tielet knisja ddedikata lil-Lunzjata f'dan il-lokal. L-ewwel waħda kienet tinsab fin-naħa msejħa "ta' Durbies", filwaqt li t-tieni waħda kienet mibnija f'nofs ir-raħal.[35] Il-knisja li kienet ġa mibnija fl-1575 kienet meqjusa l-aktar knisja importanti li kien hemm fil-Gudja dak iż-żmien.[36]



Il-knisja li naraw illum inbniet bejn is-snin 1752 u 1755 minn Dun Ġwann Barbara, u ġiet imbierka nhar is-6 ta' April 1755. Dan is-saċerdot bena l-knisja preżenti bejn bil-kontribuzzjonijiet ta' xi persuni devoti imma l-aktar bi flusu u bix-xogħol tiegħu stess. Jingħad li Dun Ġwann Barbara biegħ saħansitra l-ħwejjeġ ta' daru biex ikun jista' jtemm il-bini ta' din il-knisja li tant kienet għal qalbu.[37] Il-knisja għandha faċċata eleganti bil-pilastri li jibqgħu telgħin sal-gwarniċa tal-bejt li mad-dawra tiegħu tgħaddi opramorta lixxa. Fuq il-pilastri l-opramorta togħla b'pedestall bi statwa fuqu, waħda ta' Sant'Anna u l-oħra ta' San Ġwakkin. Il-bieb ewlieni mżejjen bi gwarniċ skolpit li jispiċċa bi frontispizju trijangulari b'ieħor għat-tond ġo fih. Fuq il-bieb naraw tieqa kbira ornamentali ta' stil Barokk. Fuq il-knisja jiddomina l-kampnar ta' għamla delikata ħafna, li f'niċċa fil-piramida tiegħu naraw statwa ta' l-Arkanġlu Gabriel. Din l-istatwa, flimkien maż-żewġ statwi l-oħra li semmejna, huma xogħol Antonio Zammit miż-Żurrieq.[38]



Minn ġewwa l-knisja għandha għamla ta' salib Grieg. L-istruttura tistrieħ fuq pilastri mingħajr kapitelli, bi gwarniċun li jgħaddi mad-dawra kollha tagħha. Fuq il-pilastri maġġuri jitilgħu l-erba' ħnejjiet, bil-lunetti bejniethom, li fuqhom tistrieħ il-koppla. Din tispiċċa b'lanterna bi twieqi tawwalin li jipprovdu d-dawl naturali għal ġol-knisja. Għalkemm s'issa għad mhux magħruf min kien l-arkittet tal-knisja u lanqas l-imgħallem li bnieha, il-proporzjonijiet arkitettoniċi tagħha jixhdu ċerta sengħa. L-artal ewlieni huwa ta' l-

35 A. Ferres, *op.cit.*, p.354.
36 V. Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches," *op.cit.*, p.55-56.
37 A. Ferres, *op.cit.*, p.354.
38 Ħafna mit-tagħrif dwar din il-kappella għaddihuli Martin Gravina li jieħu ħsiebha b'ħafna dedikazzjoni. Nirringrazzjah ukoll tar-ritratti li tani.

irħam u sar fl-1873. Il-prospettiva ta' l-artal hija ddekorata b'disinji artistiċi b'żebgħa ta' l-ilma li saru għall-bidu tas-seklu 20. Il-kwadru titulari, li jirrappreżenta x-xena ta' l-Annunzjazzjoni, sar ġewwa Ruma fl-1874 mill-pittur Taljan Giovanni Gagliardi.

Minbarra l-artal maġġur il-knisja għandha żewġ artali oħra, wieħed fuq kull naħa. Fuq l-artal tal-lemin naraw niċċa bi statwa ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju, maħduma mill-iskultur Antonio Chircop. Fuq dan l-artal naraw ukoll pittura ovali tal-Qalb ta' Ġesù li ġġib id-data 1770. Fuq in-naħa tax-xellug insibu artal ieħor li fuqu hemm niċċa bi statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp. Fil-knisja nsibu wkoll żewġ pitturi ovali, kopji ta' skola Franċiża tas-seklu XVIII, waħda tirrappreżenta t-twelid ta' Ġesù Bambin, u l-oħra l-mewt ta' San Ġużepp. Insibu wkoll sett ta' inċiżjonijiet tal-Via Sagra maħdumin fl-1780 minn Leopardi u Lorenzo Bordi ta' Firenze. Il-paviment huwa tal-madum, u fl-art hemm sitt lapidi ta' oqbra li qabel kienu fil-knisja parrokkjali tal-Gudja u li nġabu f'din il-knisja fis-sena 1951.

Lejn tmiem is-sena 2005 sar ir-restawr tal-knisja minn barra, xogħol il-ħaddiema tat-taqsima tar-restawr fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. F'din l-ewwel fażi sar tibdil ta' ġebel immermer, tindif tal-faċċata, inkluż il-kampnar u l-istatwi, kif ukoll xogħol fuq il-bibien u t-twieqi ta' l-injam. Fit-tieni fażi ta' dan il-proġett hemm il-ħsieb li jsir ir-restawr tal-knisja minn ġewwa. Tajjeb li jingħad ukoll li ta' kull sena, nhar it-tieni Tnejn wara l-Għid il-Kbir, tiġi ċċelebrata l-festa tal-Lunzjata, festa ħelwa li tixraq lil dan il-misterju kbir.[39]

**Intemmu l-pellegrinaġġ tagħna**

B'din iż-żjara lill-knisja tal-Lunzjata fil-Gudja temmejna l-pellegrinaġġ tagħna lil seba' kappelli ddedikati lill-misterju tat-Tħabbira tal-Mulej. Dorna dawra ġmielha, li dewqitna xi ftit kemm il-kult tal-Lunzjata huwa mifrux u jmur lura ħafna snin f'pajjiżna. Għaldaqstant nistgħu nħallu r-raħal kwiet tal-Gudja u noħorġu fit-triq traffikuża Tal-Barrani sabiex niġbdu mill-ġdid lejn ir-raħal ta' Ħal Balzan fejn bdejna dan il-pellegrinaġġ. Iżda mit-triq Tal-Barrani ma nistgħux ma nilmħux jixirfu 'l bogħod minna ż-żewġ kampnari sbieħ u antiki tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, biex donnhom ifakkruna li hawn ukoll il-Lunzjata għandha t-territorju tagħha. Għax bħalma Ħal Balzan huwa ċ-ċentru tal-qima lejn il-Lunzjata fin-naħa ta' fuq ta' Malta, hekk ukoll ir-raħal ta' Ħal Tarxien jixhed il-qima lejn dan il-misterju fin-naħa t'isfel ta' gżiritna.

---

Ħajr lil Dr Bernard Bezzina BChD, MSc, ALCM, AMusVCM, għal uħud mir-ritratti.

---

[39] Kien ta' ferħ kbir għalija li nkun preżenti għall-quddiesa kantata bl-orkestra fl-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata f'din il-kappella nhar it-Tnejn, is-16 ta' April 2007.